MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Numru 111/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Alexander Debrincat ta' 19-il sena, bin Joseph u Elizabeth nee' Agius, imwieled Rabat, nhar il-15 ta' Marzu 1994, residenti fil-fond "Sunbitten", Triq Frangisk u Roza Camilleri, Kercem u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 16784G**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Alexander Debrincat li gie akkuzat talli nhar il-31 ta' Jannar 2009 u gimghat ta' qabel gewwa Triq Ghajn Abdul, Santa Lucia, limiti tal-Kercem, Ghawdex, u f'inhawi

differenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi bidel is-sett ta' pjanci tar-registrazzjoni ABM843 fuq vettura tal-ghamla Dodge billi wahhal dawn in-numru ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal n-numru tar-registrazzjoni ABM843 fuq vettura tal-ghamla Dodge.
3. fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, saq vettura tal-ghamla Dodge meta in-numri tar-registrazzjoni kienu ABM843 li kienu jappartjenu ghal vettura iehor minghar licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta'l-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess mutur minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmi mutur, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta'l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.
4. talli fl-istess data, lok u cirkustanzi saq vettura tal-ghamla Dodge bin-numru tar-registrazzjoni EEE022 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-pulizija jew tal-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellha licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura u b'hekk ma kienx kopert b'licenzja jew polza ta'l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.
5. talli xjentment ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe' minn licenzja tal-windscreen bin-numru serjali F233271, imwahhla fuq vettura tal-ghamla Dodge bin-numru tar-registrazzjoni EEE022.
6. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura meta ma kienx kopert b'polza ta'l-assikurazzjoni ghal riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. ukoll talli fl-istess data, hin u cirkustanzi minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Pulizija jew l-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja tas-

sewqan specifikata ghal dik il-vettura, saq din il-vettura bla numru tar-registrazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-provi

Rat d-dokumenti esebiti.

Rat n-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali tas-27 ta’ Dicembru 2012.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi minn qari tan-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat bir-reati tal-falsifikazzjoni kemm dak materjali kif ukoll dak ideologiku.

Illi l-fattispecje ta’ dana il-kaz huma piuttost semplici. Mill-provi akkwizti jirrizulta illi fil-jum indikat fl-akkuza l-imputat inqabad mill-pulizija isuq trukk minghajr licenjza tas-sewqan u minghajr ma kien kopert b’polza ta’l-assikurazzjoni. Di piu minn indagini li ghamlu il-pulizija instab illi t-tarek ta’ registrazzjoni imwahhla fuq dana it-trukk u cioe’ in-numru ABM843 fil-fatt kienu jappartjenu lil tractor Masi Ferguson. Il-license disk ta’ dan it-trukk ukoll ma kenitx tieghu izda kienet tappartjeni ukoll ghal dana it-tractor. Irrizulta illi fil-fatt in-numru ta’ registrazzjoni ta’ dana it-trukk Dodge kienu EEE022, liema trukk kien irregistrat fuq isem missier l-imputat Joseph Debrincat u li kien gie iggaraxxjat fit-18 ta’ Marzu 2008. L-imputat fiz-zmien meta gie imwaqqaf mill-pulizija kellu biss erbatax-il sena.

Illi mill-atti jirrizulta illi l-imputat ma kenitx ittehditlu stqarrija meta gie arrestat u id-dikjarazzjoni maghmula minnu lill-

pulizija meta gie imwaqqaf u li hija rapportata fuq il-PIRS report ser tigi skarata minn din il-Qorti u dana billi l-imputat meta mitkellem ma kienx inghata it-twissija skond il-ligi u di piu' gie mitkellem wahdu minghajr il-presenza ta' xi hadd mill-genituri tieghu.

Illi l-imputat jixhed f'dawn il-proceduri u jispjega illi huwa minnu illi meta huwa kien gie imwaqqaf mill-pulizija ma kienx ghadu kiseb il-licenzja tas-sewqan. Ighid illi huwa kien hiereg mill-ghalqa tal-familja tieghu fejn kien mar biex jahdem meta il-pulizija waqqfuh.

Dawn huma l-unici provi li ghandha f'idejha il-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat tal-falsifikazzjoni u l-uzu xjenti ta' dokumenti iffalsifikati u dawn kif ikkontemplati fl-artikoli 183, 184, 188 u 189 tal-Kapitolu 9. Illi dina il-Qorti mhijiex ser toqghod tiddilunga fuq l-aspetti legali tar-reat tal-falsifikazzjoni u id-distinzjoni li tezisti bejn kull tip ta' falsifikazzjoni ikkontemplata fil-ligi u dana ghaliex fl-atti ma hemmx l-icken prova li tindika illi kien l-imputat li wettaq dina il-falsifikazzjoni jew inkella illi meta huwa ghamel uzu minn dana it-trukk kien konxju tal-fatt illi it-tarek ta' registrazzjoni tieghu ma kenux jappartjenu lit-trukk, izda lit-tractor. Lanqas ma hemm prova illi kien l-imputat illi biddel il-license disk fuq il-vettura. Illi jirrizulta illi kemm it-trukk, kif ukoll it-tractor kienu irregistrati fuq isem misser l-imputat Joseph Debricat, li ghalkemm meta mitkellem mill-pulizija, ighid illi huwa ma kienx ta l-kunsens tieghu lil ibnu sabiex isuq dana it-trukk, madanakollu ma isemmi xejn dwar kif inbidlu dawn it-tarek ta' registrazzjoni u min bidilhom. Il-Pulizija, tenut kont tal-fatt illi l-imputat kellu biss erbatax-il sena, ma hassewx illi kellu jigi investigat il-missier sabiex jigi ivverifikat jekk kienx hu li biddel dawn it-tarek ta' registrazzjoni. Fuq kollox l-ufficjali tal-pulizija li investigaw dana l-kaz ighidu illi mill-investigazzjoni taghhom kien jidher illi dawn it-tarek ta' registrazzjoni kienu ilhom li inbiddlu billi il-wire li kien qed izomm dawn it-tarek kien jidher li kien imsaddad. Kwindi ma hemm l-ebda prova li timplika lill-imputat fil-

kummissjoni tar-reati indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tieghu ghal gudizzju.

Illi l-imputat qed jigi addebitat ukoll bir-reati ikkontemplati fl-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi d-difiza fir-rigward ta' dawn l-akkuzi qed tissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali. Illi l-artikolu 3(3) tal-Kapitolu 104 jiddisponi illi l-preskrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali inizjata taht id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 3 jaqghu bil-preskrizzjoni ta' sitt xhur miz-zmien tal-kummissjoni tar-reat. Illi d-data indikata fl-akkuza hija dik tal-31 ta' Jannar 2009. Mill-atti jirrizulta illi l-kawza giet intavolata fid-29 ta' Novembru 2010 u ghalhekk certament kien idekkorra il-perijodu ta' sitt xhur indikat fil-ligi. Kwindi l-akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat li jaqghu taht id-disposizzjonijiet ta' dana l-Att huma preksritti. Illi l-akkuza ikkontemplata fl-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tikkontempla is-sewqan minghajr licenzja tat-triq u tas-sewqan. Illi l-Kapitolu 65 ma jindikax perijodu ta' preksrizzjoni applikabbli u kwindi japplikaw id-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Kriminali u cioe' l-artiklu 688(e) li jikkontempla perijodu preksrittiv ta' sentejn, liema perijodu allura kien ghadu ma iddekorriex.

Illi mill-atti jirrizulta ampjament ippruvat illi l-imputat saq it-trukk Dodge meta ma kellux licenzja tas-sewqan u meta l-imsemmi trukk ma kellux licenzja tat-triq imhallsa. Kwindi dawn l-akkuzi jirrizulta ippruvati izda billi l-imputat kien taht l-eta fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat, il-Qorti ser tapplika id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati biss ta'l-ahhar akkuza migjuba il-konfront tieghu u tilliberah mill-kumplament. Tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' €50 u tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ta'l-imputat ghal zmien tmint ijiem mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------